MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
ANTHONY ELLUL**

Seduta tat-22 ta' April, 2003

Talba Numru. 2694/2002

**Joseph Pace**

**Vs**

**Maria Zammit**

**It-Tribunal**,

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu l-attur talab il-hlas tas-somma ta' erbgha mija u tmienja u tletin lira Maltija (Lm438) danni li sofra f'incident tat-traffiku li sehh fl-20 ta' Awissu 2001 ghal habta tad-9.30 p.m. gewwa Xatt Lascaris, Floriana bejn il-mutur misjuq mill-attur bin-numru FAN 645 u l-vettura misjuqa mill-konvenuta bin-numru LAB 198.

Semgha x-xhieda.

Ra l-atti.

Ikkunsidra:

1. Il-fatti rilevanti ghall-kaz huma s-segwenti:-

(a) Fl-20 ta' Awissu 2001 sehh incident f'Xatt Lascaris, Floriana.

(b) L-attur kien qieghed isuq mutur bin-numru FAN 645 u l-konvenuta vettura bin-numru LAB 198. Il-vetturi kienu ghaddejjin mid-direzzjoni opposta ghal xulxin.

(c) L-attur kien qieghed isuq fid-direzzjoni lejn Valletta filwaqt li l-konvenuta riedet taqbad it-telgha Tal-Kurcifiss.

(d) Il-konvenuta ghafset il-brejk ma' l-impatt.

2. Mill-provi jirrizulta li:

(a) Fil-hin ta' l-incident il-konvenuta ma kenitx qeghda zzomm man-naha tax-xellug tat-triq mid-direzzjoni minn fejn kienet ghaddejja. Ma rrizultat l-ebda raguni valida ghalfejn il-konvenuta kienet qeghda ssuq daqshekk il-barra.

(b) Il-konvenuta lanqas biss ma rat l-incident isehh u sahansitra xehdet li l-mutur misjuq mill-attur ma ratux qabel l-incident [xhieda moghtija fis-seduta tat-18 ta' Marzu 2003].

(c) Mill-post fejn sehh l-incident jidher bic-cjar li l-attur kien diga' qala' minn fuq il-*give way sign* u sab postu fit-triq. L-incident ma sehhx hdejn il-give way sign u ghalhekk zgur li wiehed ma jistax jargumenta li l-attur qasam il-*flow of traffic* u holoq emergenza subitaneja ghall-konvenuta. Kif rajna l-incident sehh ferm qabel ma tibda t-telgha tal-Kurcifiss.

3. It-triq fejn sehh l-incident hija wahda li tippermetti vizwali tajba u fit-tul u l-htija ghas-sinistru ghandha, fil-fehma tat-Tribunal, tkun akkollata unikament fuq il-konvenuta li nvadiet it-triq ta' l-attur. Mill-provi li tressqu

ma jirrizultax li s-sewqan tal-konvenut pprovoka s-sinistru jew li kien il-kawza prossima u immedjata tieghu. Gialdarba l-konvenuta *ex admissis* iddikjarat li ma ratx il-mutur javvicinaha u lanqas ma ratu qabel l-incident, minkejja li kellha vizwali fit-tul u fid-dritt, wiehed jista' jasal ghal konkluzjoni wahda biss cjoe' li l-konvenuta ma kenitx attenta ghat-traffiku li kien hemm fit-triq u dan minkejja l-fatt li ma kenitx qeghda ssuq fuq in-naha taghha tat-triq.

4. Dwar id-danni reklamati ma saret l-ebda kontestazzjoni u dawn gew sodisfacentement ippruvati. Jirrizulta li l-mutur garrab hsarat konsiderevoli u ma jissewwix.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddecidi l-kawza billi jiddikjara li l-incident meritu tal-kawza sehh unikament tort tal-konvenuta u jikkundanna thallas is-somma ta' erbgha mija u tmienja u tletin lira Maltija (Lm438), bl-imghax mid-data tan-notifika ta' l-avviz tat-talba.

L-ispejjez huma ghak-karigu tal-konvenuta.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------